MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 64/2013

**Darryl Luke Borg**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrent Darryl Luke Borg ipprezenta fl-14 ta' Awwissu, 2013, u li jaqra hekk:

Illi l-esponent tressaq taht arrest nhar l-Erbgha 7 ta' Awwissu 2013 u gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar l-4 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tad-9 ta' filghaxija gewwa The Convenience Shop fi Triq Mons. Alfred Mifsud kantuniera ma' Triq il-Karmnu, Birkirkara:

i) Ikkometta serq t'ammont ta' flus kontanti f'denominazzjonijiet ta' Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin u li sar ghad-dannu tas-socjetà Jin Co. Ltd (nru. ta' registrazzjoni C45048) u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entità u/jew entitajiet ohra;

ii) Bla ordni skond il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sue Ellen Cassar u Franklyn Grech kontra l-volontà taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferimenti ta' hwejjighom;

iii) Talli, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarja jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjetà (minhabba hsara involontarja fil-proprjetà) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew minizzjon jew xi iomitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

iv) Talli permezz tal-presenti reati addebitati lilu, f'kaz ta' htija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'zewg sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu; wahda mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., b'sentenza datata 11 ta' Ottubru 2012, u sentenza ohra mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., moghtija nhar it-22 ta' Jannar 2013;

v) Finalment, talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata l-1 ta' Marzu 2006, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

Illi waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2013 l-esponent, tramite l-avukati sottofirmati, talab il-helsien mill-arrest seduta stante pero talba tieghu giet michuda. Peress illi l-esponent kien ghaddej minn 'treatment order' fl-Isptar Monte Carmeli meta gie arrestat, il-Magistrat sedenti pero ordnat illi minflok jinzamm fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin jinzamm fit-Taqsima tal-Forensika fl-Isptar Monte Carmeli.

Illi sussegwentement nhar il-Gimgha 9 ta' Awwissu 2013, l-avukati sottofirmati saru jafu illi in konnessjoni ma' l-istess reat kien tressaq certu Roderick Grech li ammetta li kien hu wahdu li kkometta s-serq aggravat in kwistjoni.

Illi konsegwentement dak inhar stess ossia l-Gimgha 9 ta' Awwissu 2013 gie ppresentat rikors ghall-ftuh tar-registru tal-Qorti u rikors iehor fejn intalab il-helsien mill-arrest. Fil-frattemp sar rikors simili ukoll mill-Ispetturi li kienu qed imexxu l-proceduri kontra l-esponent. Dawn ir-rikorsi gew milqugha u l-esponent inghata l-helsien mill-arrest taht certu kundizzjonijiet.

Illi fil-frattemp ukoll l-avukati sottofirmati saru jafu illi l-esponent fil-fatt ma ttehidx fit-Taqsima tal-Forensika fl-Isptar Monte Carmeli pero kien inzamm fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Illi l-ilment ta' l-esponent jista jigi maqsum fit-tlett lanjanzi. Fl-ewwel lok l-esponent qatt ma kien imissu tressaq il-Qorti taht arrest u dan ghaliex ma kien jissossiti l-ebda suspett ragonevoli fil-konfront tieghu.

Illi fit-tieni lok, ladarba hekk tressaq, qatt ma kien imissu gie mcahhad mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi fit-tielet lok l-esponent jissottometti lill-Pulizija, malli saret taf li hemm bniedem detenut minghajr raguni, missa immedjatament irtirat l-akkuzi fil-konfront tal-esponent dakinhar stess u cioe' nhar il-Hamis 8 ta' Awwissu.

**Dwar l-arrest tieghu**

Illi l-arrest huwa regolat kemm fil-Kap. 9 u kif ukoll fil-Kostituzzjoni.

L-artikolu 355V tal-Kap. 9 jghid illi:

> "**Meta jkun hemm ragunijiet bil-ligi ghall-arrest ta' persuna**, il-Pulizija tista' titlob il-hrug ta' mandat ta' arrest minghand Magistrat, hlief jekk skond xi

disposizzjoni tal-ligi dak l-arrest jista' jsir minghajr mandat."

Illi l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghall-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna.

Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-libertà tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:

...

(c) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;

(2) Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet ta' l-arrest tieghu u dwar kull akkuza kontra tieghu.

(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.

(4) Kull min ikun ipprivat mill-libertà tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalità tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-libertà tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.

(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli ghal kumpens";

L-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni jghid hekk:

"Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-libertà personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet li gejjin, jigifieri –

...

(f) fuq **suspett ragonevoli** li huwa jkun ikkometta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;"

Illi kif intqal fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Roderick Gerada vs l-Avukat Generali et*[1] intqal hekk:

"Illi l-kazijiet mahsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, hlief ghall-ewwel cirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx ghad hemm kundanna definittiva u fejn ir-

[1] Deciza fis-27 ta' Settembru 2012 (Rik. Nru. 33/11 JRM).

ragunijiet mahsuba ghac-cahda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" ghal xi ghan jew iehor marbut mal-ordni pubbliku. Ghalhekk **inghad li dawk ic-cirkostanzi ghandhom jinghataw tifsira ristretta ghall-ahhar** u m'ghandhom bl-ebda mod jitwessghu b'tigbid jew b'analogija, **ghaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-principju li l-bniedem huwa meqjus innocenti sakemm ma jkunx instab hati, u kif ukoll tal-principju konvenzjonali ewlieni li l-helsien tal-bniedem huwa prijorità**;" (enfasi mizjud).

Illi dwar suspett ragjonevoli dik il-Qorti tat is-segwenti definizzjoni:

"Illi dan ifisser li huwa mehtieg li jkun hemm il-**bidu ta' provi cari** li jqanqlu f'dak li jkun konvinciment morali li hija l-persuna suspettata u mhux haddiehor li ghandu rabta mar-reat imwettaq." (enfasi mizjud).

Illi in oltre fis-sentenza *Joseph Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*[2] insibu s-segwenti dwar "suspett ragjonevoli".

"Il-htiega ta' "reasonable suspicion" bhala prerekwizit ghall-arrest preventiv hi wkoll mehtiega taht is-subinciz (1) ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 1994.

> "The 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention which is laid down in article 4 para. (1)(c). The Court agrees with the Commission and the Government that having a reasonable suspicion **presupposes the existence of the facts or information which would satisfy an objective observer** that the person concerned may have committed the crime, what may be regarded as 'reasonable' will however depend upon all the circumstances" (Fox, Campbell & Hardley – 30 August, 1990);"

Illi zgur illi ma seta' qatt kien hemm suspett ragjonevoli li l-esponent ikkommetta r-reat li bih gie akkuzat u dan ghal numru ta' ragunijiet. Fil-mument meta gie kommess ir-reat li bih gie akkuzat l-esponent kien id-dar u dan gie korroborat minn dikjarazzjoni ta' ommu. Il-persuna li sussegwentement tressqet il-Qorti ghandha statura totalment differenti minn dik ta' l-esponent. Fil-fatt filwaqt illi l-esponent huwa ragel pjuttost twil il-persuna li attwalment ikkommettiet ir-reat hija persuna ta' statura qasir. In oltre ma seta' kien hemm l-ebda indizju iehor illi b'xi mod seta' jikkollega l-esponent mal-post fejn sehh ir-reat in kwistjoni.

Illi ghalhekk l-arrest ma seta' qatt gustifikat a bazi ta' <u>suspett ragonevoli</u>.

Illi in oltre u l-esponent jissottometti ghar minn hekk meta wiehed jara l-istqarrija tal-esponent li inghatat fis-7 ta' Awwissu 2013 jsib is-segwenti:

*M. Qabel nikkonkludu. Ara hux qed nifthiemu, int qed taccertani li nhar il-Hadd li ghadda, 4 ta' Awwissu, 2013, ghall-habta tad-9pm., ma kontx hdejn The Convenience Shop fi Triq Mons Alfred Mifsud kantuniera ma' Triq il-Karmnu, Birkirkara, hux hekk? Ma mortx 'l hemm dawk il-hinijiet voldieri, skond int?*

*T. Le*

*M. Voldieri, il-filmati li ghandha f'idejha l-pulizija imbabsa, skond int?*

*T. Mhux jien zgur.*

Illi din il-kwotazzjoni hija ferm inkwetanti ghaliex mis-CCTV recording kellu jirrizulta illi l-persuna li wettqet is-serqa in kwistjoni kjarament ma setatx kienet l-esponent.

**Dwar ic-cahda tat-talba ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest.**

Illi l-principji sagrosant fil-kamp kriminali hija l-prezunzjoni ta' l-innocenza u tal-libertà tal-persuna kif diga enuncjati fis-sentenza citata hawn fuq.

Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Jonathan Attard vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*[3] insibu s-segwenti:

> "Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz Musuc vs Moldova (42440/06) dwar l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni:-
>
> "The presumption is in favour of release. As established in Neumeister v. Austria (judgement of 27 June 1968, Series A no. 8, p.37, § 4), the second limb of Article 5 § 3 does not give judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. **Until conviction, he must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his provisional release once his continuing detention ceases to be reasonable (see McKay v. The United Kingdom** [GC], no. 543/03, § 41, ECHR 2006-...)." (enfazi tal-qorti)."

Illi ghalhekk ic-cahda tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li takkorda l-helsien mill-arrest fl-ewwel seduta fic-cirkostanzi ukoll ma kienx wiehed gustifikat ghaliex ma kienx hemm ghalfejn il-Qorti tibza illi l-esponent ma kienx ser jattendi ghall-proceduri kontra tieghu jew illi kien ser jintralcja l-proceduri kontra tieghu.

Illi in effetti jirrizulta illi l-esponent kien xorta wahda rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli taht *treatment order* u ghalhekk assolutament ma kienx hemm raguni ta' biza li kieku li l-

[3] Deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-1 ta' April, 2013 (Rikors Numru 13/2013 AE).

esponent inghata l-helsien mill-arrest. Saru sottomissjonijiet f'dan is-sens meta saret it-talba ghall-helsien mill-arrest pero xorta wahda t-talba tieghu giet michuda.

**Il-prosekuzzjoni ma rtiratx il-proceduri kriminali nonostante li kienet taf li r-reat kien attwalment kommess minn persuna ohra.**

Illi rrizulta illi filwaqt illi nhar il-Gimgha 9 ta' Awwissu 2013 tressaq il-Qorti Roderick Grech peress illi rrizulta illi kienet hi l-persuna li kkommettiet ir-reati in dezamina xorta wahda l-intimat Kummissarju tal-Pulizija naqas illi jirtira immedjatament il-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-esponent. Fil-fatt il-proceduri kriminali kontra l-esponent gew irtirati biss nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013.

Illi fuq dan il-punt fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-Pulizija saret taf bl-involviment dirett u uniku ta' Roderick Grech nhar it-8 ta' Awwissu 2013. Ghalhekk, kien diga jinkombi fuq il-Pulizija minn dak il-mument li taghmel dak kollu mehtieg sabiex tizgura li l-esponent jinheles stante li kienet certament f'dak il-mument detenut illegalment.

Illi kien biss gurnata shiha wara u cioe' fid-9 ta' Awwissu meta dan Roderick Grech ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati lill-Pulizija mxiet sabiex isir rimedju fil-konfront tal-esponent.

Illi l-ewwelnett l-esponent jilmenta mill-fatt li hadd mill-Korp tal-Pulizija pprova b'xi mod jikkomunika ma l-avukati ta' fiducja tal-esponent (hawn sottofirmati) sabiex jghidulhom b'dan l-

izvilupp. In oltre lanqas ghamlu kuntatt ma' l-esponent stess li kien ghal kollox estranju ghal dawn l-izviluppi.

Illi ukoll, il-Pulizija kellha d-dmir li malli ssir taf li bniedem qieghed jigi mcahhad mill-libertà tieghu illegalment kellha taghmel dak kollu mehtieg sabiex tizgura t-twettiq tad-dritt fundamentali tieghu, u dan kif anke kontemplat inter alia fl-artikolu 137 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minflok, l-esponent spicca ghamel gurnata ohra detenut u, iktar minn hekk, fid-9 ta' Awwissu kull ma pprezenta l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien sempliciment rikors ghall-helsien mill-arrest.

Illi waqt dik is-seduta l-Pulizija argumentaw illi ma setghux jirtiraw l-akkuzi ghaliex ma kellhomx il-kunsens tal-Avukat Generali, izda fit-12 ta' Awwissu 2013 huma pprezentaw nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn irtirat il-proceduri.

Illi b'hekk l-esponent spicca ghamel gurnata shiha ohra l-habs wara li kien irrizulta b'mod car li qatt ma seta kien remotament involvut fir-reati adebiti lilu u ghalhekk ukoll safa vittma ta' deprivar ta' libertà minghajr bazi legali.

Illi oltre, minn flok gew irtirati l-proceduri dak il-hin stess huwa inghata biss il-helsien mill-arrest b'kundizzjonijiet fost ohrajn ta' garanzija personali ta' €7,000, li jiffirma kuljum fl-ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara u bil-hinijiet ta' rinkazar, dan kollu ghal reat li mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet kien car li l-esponent ma kellhu x'jaqsam assolutament xejn mieghu.

Illi indubjament dawn ic-cirkostanzi kollha waslu sabiex l-esponent soffra lezjonijiet kbar tad-drittijiet fundamentali tieghu u ghad illi ma jista qatt jintraddu lura dawk il-jiem li ghamel detenut huwa biss ammont ta' dannu morali mill-aspett legali, li jista b'xi mod itajjef din it-trawma.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara illi, minhabba illi l-esponent tessaq il-Qorti taht arrest nhar l-Erbgha 7 ta' Awwissu 2013 nonstante li ma kien jissossiti l-ebda suspett ragonevoli fil-konfront tieghu; b) ladarba hekk tressaq, gie mcahhad mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest u c) l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, malli sar jaf li hemm bniedem detenut minghajr raguni, ma hax passi immedjati sabiex jirtira l-akkuzi fil-konfront tal-esponent dakinhar stess u cioe' nhar il-Hamis 8 ta' Awwissu 2013, dawn il-fatti kollha mehudin flimkien jew separatament jilledu d-dritt fundamentali ta' l-esponent ghall-harsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja kif sancit bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati,

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepew illi:

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghed jillamenta *"Illi l-ilment ta' l-esponent jista jigi maqsum fit-tlett lanjanzi. Fl-ewwel lok l-esponent qatt ma kien imissu tressaq il-Qorti taht arrest u dan ghaliex ma kien jissossiti l-ebda suspett ragonevoli fil-konfront tieghu. Illi fit-tieni lok, ladarba hekk tressaq, qatt ma kien missu gie mcahhad mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Illi fit-tielet lok l-esponent jissottometti lill-Pulizija, malli saret taf li hemm bniedem detenut minghajr raguni, missa immedjatament irtirat l-akkuzi fil-konfront tal-esponent dakinhar stess u cioe' nhar il-Hamis 8 ta' Awwissu".* Illi l-istess rikorrenti qieghed jillamenta li *"dawn il-fatti kollha mehudin flimkien jew separatament jilledu d-dritt fundamentali ta' l-esponenti ghall-harsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja kif sancit bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem"*.

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Preliminarjament, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi dawn il-proceduri huma bizzejjed integri bil-prezenza tad-Direttur intimate u tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'dana li l-Avukat Generali ghandu jitqies bhala mhux legittimur kontradittur f'dawn il-proceduri;

2. Preliminarjament ukoll, in kwantu r-rikorrent qed jallega li huwa kien arrestat illegalment, l-istess rikorrenti kellu a disposizzjoni tieghu azzjoni sabiex jikkontesta tali arrest skond dak li jipprovdi l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi in kwantu dak li qed

jippretendi r-rikorrenti huwa effettivament rimedju fil-forma ta' kumpens ossia ta' hlas ta' allegati danni submit minnu, l-istess rikorrenti kellu u ghad ghandu l-opportunità skond il-ligi ordinarja civili li jadixxi l-Qrati ordinarji u jaghmel tali pretensjoni ghall-hlas ta' danni quddiem il-Qrati civili ordinarji. Illi r-rikorrenti ma nqediex b'dan ir-rimedju li wara kollox ghadu disponibbli lilu sal-gurnata tal-lum. Ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponenti qeghdin umilment jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja, jibda biex jinghad li skond il-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, persuna ghandna dritt ghall-kumpens, biss, jekk jirrizulta li l-arrest jew detenzjoni taghha tkun saret bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Dan ifisser li sabiex persuna tkun intitolata ghal kumpens huwa mehtieg li turi li c-cahda tal-liberta taghha ma kinitx taqa' taht wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 5(1). L-istess jinghad fuq l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u s-subciniz 4 tal-istess Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

F'dan il-kaz, l-arrest tar-rikorrenti kienet tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (c) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni u taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni, b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh sabiex ikun jista' jingieb quddiem il-Qorti peress li huwa ragonevolemnt kien suspettat li wettaq reati marbuta ma' serq.

Bhala fatti johrog mill-atti tal-proceduri kriminali li r-rikorrenti gie mressaq taht arrest fis-7 ta' Awwissu 2013

b'akkuza li fl-4 ta' Awwissu 2013 ikkommetta serq minn gewwa fond kummercjali f'Birkirkara. Illi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu mifruxa fuq diversi binarji liema binarji kollha waslu ghal persuna tar-rikorrenti sahansitra l-*footage* tac-*CCTV camera* li kien hemm installata fil-fond fejn il-persuna tar-rikorrenti dehret fuq il-*footage*. B'hekk ir-rikorrent gie arrestat u mressaq bl-akkuzi in konfront tieghu.

Fil-fehma tal-intimati dawn ic-cirkostanzi fejn ir-rikorrenti dehret b'mod car fuq il-*footage* kif ukoll bl-evidenza l-ohra kollha li ngabret kontra r-rikorrenti, kienu jqanqlu suspett ragonevoli li kien ir-rikorrenti li kien wettaq ir-reati li bihom gie akkuzat. Ghalhekk hawnhekk kellna kaz li kien jiggustifika l-arrest u l-privazzjoni tal-libertà tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant, id-detenzjoni tar-rikorrenti kienet wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li kien hemm suspett ragonevoli li l-istess rikorrenti kien ikkommetta reat kriminali.

4. Marbut ma' dan, jinghad ukoll li l-fatt fih innifsu li eventwalment gew irtirati l-akkuzi in konfront tar-rikorrenti, dan ma jfissirx b'daqshekk li d-detenzjoni tieghu kienet wahda illegali jew arbitrarja. Infatti, imkien fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma nsibu mnizzel li persuna li tkun inzammet arrestata b'mod preventiv jew li ttellghet b'arrest il-Qorti ghandha l-jedd ghal kumpens awtomatiku jekk l-akkuzi in konfront taghha jigu rtirati minhabba cirkostanzi godda li jsehhu wara.

In fatti, fil-pubblikazzjoni **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**, l-awturi Van Dijk u Van Hoof meta jitrattaw il-kwistjoni minn perspettiva tal-fatt li persuna ma tinstabx hatja wara process kriminali josservaw illi *"The mere fact that a person detained on remand is later released under a judicial decision does not render the arrest unlawful with retroactive effect. Article 5 (1) (c) requires only that there be a 'reasonable suspiscion'. At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is. The object of questioning during detention under subparagraph (c) is to further the investigation by way of confirming or dispelling the reason for arrest".*

Il-fatt wahdu li l-akkuzi gew irtirati ma jeskludux is-suspett ragonevoli fil-mument li r-rikorrenti ttella' u kien taht arrest preventiv. Meta tali suspett ragonevoli ma kienx baqa' jissussisti, kien l-istess esponenti Kummissarju tal-Pulizija li fetah il-Qorti b'urgenza u talab li r-rikorrenti jinheles mill-arrest.

Sabiex persuna tinzamm arrestata jrid ikun hemm suspett ragonevoli ta' twettiq ta' reat. Kif spjegat, fil-mument li r-rikorrenti giet arrestata, l-awtoritajiet kienu gustifikati li jissusspettaw li r-rikorrenti wettaq ir-reati li bihom gie akkuzat u dan minhabba l-evidenza li kellhom f'idejhom f'dak l-istadju.

5. Bejn is-7 ta' Awwissu 2013 u d-9 ta' Awwissu 2013 u cioe' fil-granet li r-rikorrenti kien arrestat, l-istess rikorrenti

qatt ma lmenta jew ikkontesta s-siwi tal-arrest tieghu. Illi kien l-istess rikorrenti li accetta li l-arrest tieghu ma kienx wiehed kappriccjuz izda kien wiehed legali u gustifikat. Illi jrid jigi ccarat li r-rikorrenti gie mehlus mill-arrest fil-gurnata tad-9 ta’ Awwissu 2013 stess u cioe’ meta terza persuna ammettiet li kienet hi li wettqet ir-reati li kien akkuzat bihom ir-rikorrenti.

Illi jsegwi ghalhekk illi l-arrest tar-rikorrenti kien wiehed konformi tad-dettami tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

6. Gialadarba gie stabbilit li l-arrest inizzjali tar-rikorrenti kien imsejjes u mqanqal fuq suspetti ragonevoli skond kif jipprovdu l-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni, il-pass li jmiss huwa li wiehed jezamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrenti sakemm inheles mill-arrest kien wiehed gustifikat u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni.

Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti ttella’ b’arrest minnufih quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u dan bi tharis tal-ewwel parti tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni.

Meta deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja r-rikorrenti ghamel talba ghall-helsien mill-arrest *(bail)* liema talba fic-cirkostanzi ma ntlaqatx mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u dan minhabba li fic-cirkostanzi dik il-Qorti ma hassitx li f’dak l-istadju kien ghaqli li r-rikorrenti jinheles mill-arrest.

Ghalhekk ma jistax jinghad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti kien b'xi mod kappriccjuz, specjalment meta l-Magistrat li cahad it-talba ghall-helsien mill-arrest kien ikkunsidra l-gravità tar-reat li kien mixli bih ir-rikorrenti u fatturi ohra assocjati ma' riskju ta' intralc lill-process kriminali.

Ghaldaqstant, thares minn fejn thares dan kollu ghandu jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li anke fuq dan il-punt ir-rikorrent certament li ma garrabx l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tieghu protett permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' lezjoni naxxenti mill-fatt li allegatament il-Prosekuzzjoni ma rtiratx il-proceduri kriminali nonstante li kienet taf li r-reat kien attwalment kommess minn persuna ohra, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent qed jipprova jdawwar il-fatti esposti minnu.  In fatti, dak li jirrizulta mill-atti processwali relattivi ghat-terza persuna huwa li mmedjatament li t-terza persuna  ammettiet li wettqet ir-reat quddiem il-Qorti u cioe' fid-9 ta' Awwissu 2013, l-esponenti fl-istess gurnata ntavola rikors b'urgenza wara li kien ghalaq ir-registru sabiex ir-rikorrenti ma jibqax arrestat.  Illi l-Magistrat li ddecieda dan ir-rikors ordna li r-rikorrenti jinheles mill-arrest fid-9 ta' Awwissu 2013 stess.

Ir-rikorrenti qed jilmenta li l-fatt li l-akkuzi gew irtirati l-gurnata tat-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013 certament li ma jqajjem l-ebda kwistjoni taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dawn iz-zewg artikoli jittrattaw il-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja.  Illi jirrizulta li r-rikorrent inheles mill-arrest fid-9 ta' Awwissu 2013 u l-fatt li l-akkuzi gew

irtirati wara certament ma jqanqal l-ebda kwistjoni ta' lezjoni tal-protezzjonijiet sanciti permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez.

Rat l-affidavit u semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fis-6 ta' Awwissu, 2013, ir-rikorrent gie arrestat in konnessjoni ma hold-up li sehh il-Hadd, fl-4 ta' Awwissu, 2013, fil-The Convenience Shop gewwa Birkirkara. Ir-rikorrent cahad l-involviment tieghu fis-serqa, u meta tressaq, taht arrest, quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Awwissu, r-rikorrent iddikjara ruhu mhux hati u nzamm arrestat, peress illi t-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet opposta mill-prosekuzzjoni u michuda mill-Qorti. Fid-9 ta' Awwissu, ghal habta tat-2.45pm, l-ispettur li kien arresta lir-rikorrent gie nformat li l-ispettur Elton Taliana kien ressaq b'arrest dakinhar stess filghodu lill-persuna ohra, certu Roderick Grech, b'involviment fl-istess kaz, u dan kien ammetta li kien hu li kkometta r-reat u gie sentenzjat dak in-nhar stess mill-Qorti. Saret

komunikazzjoni mal-Avukat Generali u inghatat direzzjoni biex jintavolaw rikors b'urgenza quddiem il-Magistrat tal-Ghassa ta' dakinhar ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Fil-fatt, fid-9 ta' Awwissu saru rikorsi ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrenti kemm mill-Pulizija, kif ukoll mill-istess rikorrenti. Dakinhar, fis-6.00pm, il-Qorti tal-Magistrati ordnat il-helsien mill-arrest tar-rikorrenti taht certi kundizzjonijiet, u fit-12 ta' Awwissu il-kaz kontra ir-rikorrent gie irtirat.

Ir-rikorrent ressaq ilmenti li jistghu jigu maqsuma fi tliet lanjanzi: (a) li hu qatt ma kellu jitressaq il-Qorti taht arrest u dan ghaliex ma kien jissustixxi ebda suspett ragonevoli fil-konfront tieghu; (b) ladarba hekk tressaq, qatt ma kien imissu gie mcahhad mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest; u (c) li l-Pulizija malli saret taf li hemm bniedem detenut minghajr raguni, messa immedjatament irtirat l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti dakinhar stess.

Trattat l-ewwel ilment, din il-Qorti trid tara jekk il-Pulizija kellhomx suspett ragjonevoli li kien ir-rikorrent li seta' ikkommetta r-reat in kwistjoni. Il-fatt li akkuzat jigi liberat minn kull akkuza jew l-akkuzi fil-konfront tieghu jigu rtirati, ma jeskludux is-suspett ragonevoli fil-mument li r-rikorrent gie arrestat. Kif qalet il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz "<u>O'Hara v U.K.</u>", deciza fis-16 ta' Ottubru, 2001:

*"34. The Court emphasises that the 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard againt arbitrary arrest and detention laid down in Article 5 § 1 (c) of the Convention. This requires the existence of some facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have*

*committed the offence, though what may be regarded as reasonable will depend on all the circumstances of the case (see Fox, Campbell and Hartley v the United Kingdom, judgement of 30 August 1990, Series A No 182, p 16, § 32).”*

Din il-Qorti tirrileva li meta r-rikorrent tressaq b’arrest fis-7 ta’ Awwissu, 2013, hu ddikjara b’mod espress li ma kienx qed jikkontesta l-validità tal-arrest, u l-Qorti, wara li semghet lill-ufficcjal prosekutur jispjega c-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest tar-rikorrent, iddikjarat ruhha sodisfatta li l-arrest kien gustifikat. Kwindi, hu difficli li issa r-rikorrent jipprova jikkontesta l-arrest teighu, meta quddiem il-Qorti tal-Magistrati u fi stadju opportun, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-validità tal-arrest tieghu.

Inoltre, din il-Qorti ezaminat il-provi li tressqu f’din il-kawza u tara li fil-verita, il-Pulizija seta’ jkollha suspetti fil-konfront tar-rikorrent. Din il-Qorti mhix se tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-pulizija; ma hijiex, fi kliem iehor, behsiebha tara hi x’kienet taghmel kieku kienet flok l-ufficcjal prosekutur, ghax mhux dan il-kompitu taghha, izda trid tara jekk il-pulizija setghux ragonevolment jkollhom suspett fir-rikorrent fid-dawl tal-provi li kellhom sa dak il-mument.

F’dan il-kaz, il-pulizija – li ovvjament ikollha diversi “informers” li jassistuha fl-indagini taghha – irceviet tip-off jew informazzjoni kunfidenzjali li kien ir-rikorrent li wettaq il-hold up in kwistjoni. Ir-rikorrent huwa persuna maghruf mal-pulizija u kienu jafu li kellu storja in konnessjoni mat-tehid tad-droga. Kellhom ukoll videos mis-CCTV tal-hanut u ta xi girien. Minn dawn il-videos u li stills li ttiehdu, forsi kien ikun difficli li wiehed jasal ghar-rikorrent. Peress, però li kellhom

informazzjoni ohra li jorbot ir-rikorrent mal-kaz, l-ufficjal investigatur tal-kaz, qies li kien hemm xebh bejn il-persuna li tidher fli-stills u r-ritratt tar-rikorrent li kien nizzel mill-facebook. Mill-films li ttiehdu mid-diversi cameras fl-inhawi, seta' jikkonkludi li l-persuna, bil-wicc jidher jigri fit-triq, kienet l-istess persuna li ghamlet il-hold up, u l-istil tal-qata' xaghar tal-persuna li kienet tidher fli-still ta' CCTV partikolari u l-build tieghu kienu jaqblu mar-ritratt tar-rikorrent.

Il-pulizija ma qaghdux biss fuq dan l-ezami forensiku. Saru jafu li r-rikorrent kien pazjent fl-isptar Monte Carmeli, u kien hemm fuq "treatment order" li kienet ghaddejja. Ir-rikorrent – u dan jirrizulta anke mix-xhieda ta' ufficcjal ta' dan l-isptar – kien 'on leave' fil-weekend li fih sehhet is-serqa, tant li l-Gimgha, 2 ta' Awwissu, r-rikorrent naqas li jattendi ghall-appuntament li kellu ghat-trattament. Kif inghad fis-6 ta' Awwissu, r-rikorrent gie arrestat, u dan wara li l-pulizija inghatawlhom permess jinterrogawh minn tabib tal-isptar; fil-fatt, ir-rikorrent gie rrilaxxat mill-isptar sabiex il-pulizija jkunu jistghu jkomplu bl-interrogazzjoni taghhom. Meta ttiehed id-depot tal-Pulizija, kien jidher ghall-pulizija li kien jixbah lill-persuna identifikata fuq ic-CCTV bhala li ghamlet is-serqa.

Ir-rikorrent qal li kien id-dar rieqed fil-hin tas-serqa, izda meta l-pulizija kellmu lil omm ir-rikorrent, ghalkemm din kienet istigata mir-rikorrent tghid li hu kien id-dar fid-disgha, skond il-pulizija, qaltilhom li filwaqt li taf li kien id-dar *"ma nistax nghidilhom li fid-disgha ta' filghaxija kont hawn ghax jiena ma noqghodx inzomm il-hin."* Omm ir-rikorrent taghti verzjoni ohra u tghid li lill-pulizija qaltilhom li ma jistax ikun li binha wettaq is-serqa, hax kien id-dar maghha. Dan il-konflitt kien ikollu jigi ezaminat mill-Qorti li tkun qed tisma l-kaz, però, l-ufficcjal investigatur, tal-anqas skond il-verzjoni tieghu, kien

konvint li r-rikorrent ma kellux alibi sod dwar fejn kien fil-hin tas-serqa.

Lil dan l-ufficjal irrizultalu wkoll li r-rikorrent kien ghaddej proceduri fuq serqa aggravata bil-vjolenza li twettqet f'Marzu tal-2013, li kien digà nstab hati ta' reati relatati ma' serq u ma abbuz ta' droga, u li dakinhar stess tas-serqa, r-rikorrent kellu argument ma ommu dwar flus u droga, u meta tqis kollox, din il-Qorti ma tarax li l-pulizija ma setax kellhom suspett ragjonevoli li kien ir-rikorrent li wettaq il-hold up in kwistjoni. Ma jirrizultax lill-Qorti li l-pulizija agixxew bi traskuragni, izda kif kien dover taghhom, agixxew b'certa reqqa qabel ma ressqu lir-rikorrent taht arrest b'akkuza ta' serq aggravat bi vjolenza. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien hemm fil-kaz "*il-bidu ta' provi cari*" li jqanqlu f'dak li qed jinvestiga konvincement morali li r-rikorrent hija l-persuna suspettata ("Gerada vs L-Avukat Generali et", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Settembru, 2012), u l-arrest tar-rikorrent, kif accetta l-istess rikorrent, kien wiehed gustifikat. Jekk dawn ic-cirkustanzi kienux ikunu bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tottjeni kundanna, hija materja irrelevanti biex jigi determinat l-esistenza o meno ta' suspett ragjonevoli mehtieg ghall-validità tal-arrest. Kif intqal ukoll fil-kawza "O'Hare vs. U.K.", memmija aktar qabel:

*"36. It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention under sub-paragraph (c) of Article 5 § 1 is to further the criminal investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which ralse a suspicion need not be of the same level as those necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of*

*process of criminal investigation (see Brogan and Others v the United Kingdom, judgement of 29 November 1988, Series A No 145-B, p 29 § 53, and Murray v the United Kingdom, judgement of 28 October 1994, Series A No 300-A, p 27, § 55).”*

Fit-tieni lok, ir-rikorrent jilmenta li meta tressaq il-Qorti ma kellux jigi mcahhad mill-helsien mill-arrest. Din kienet decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati u meta tqies li l-istharrig kien ghadu fil-bidu tieghu, l-passat imcajpar tieghu, li kien regolarment diehel u hiereg mill-isptar Monte Carmeli, u li r-reat kien jinvolvi vjolenza, din il-Qorti ma tarax li l-Qorti tal-Magistrati agixxiet b’mod irragonevoli meta, fi stadju hekk bikri tal-kaz, irrifjutat talba ghall-helsien mill-arrest. Il-Qorti zgur li qieset il-gravità tar-reat li kien mixli bih ir-rikorrent u fatturi ohra assocjati ma riskju, f’dak l-istadju, ta’ intralc lill-process kriminali. L-ghoti ta’ helsien mill-arrest hija diskrezzjonali ghall-Qorti li quddiema jitressaq b’arrest, u din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkustanzi, il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni b’mod hazin jew irragonevoli. Ir-rikorrent, il-Qorti tfakkar, kien gie rilaxxat mill-isptar Monte Carmeli, u allura kieku inghata l-helsien mill-arrest, ir-rikorrent kien ikun fil-libertà jagixxi kif irid.

Fit-tielet lok, ir-rikorrent jilmenta li l-prosekuzzjoni ma rtiratx il-proceduri kriminali hekk kif kienet taf li r-reat kien attwalment kommess minn persuna ohra. Fuq dan il-punt din il-Qorti tirreleva li, ghal xi raguni li jafuha biss il-partijiet, il-persuna li setghet titfa dawl fuq ezatt x’gara, l-Ispettur Elton Taliana, ma giex prodott biex jixhed quddiem il-Qorti. Din il-Qorti trid timxi a bazi tal-provi li tressqu quddiemha u tqis biss dik ix-xhieda konfermata <u>bil-gurament</u>, kif trid il-ligi, u mhux a bazi ta’ certu konkluzzjonijiet migbura minn Bord ta’ Inkjesta.

Dan qed jinghad peress li r-rikorrent esebixxa fl-atti kopja tar-rapport ippreparat mill-Bord tal-Pulizija mitlub jinvestiga x'gara f'dan il-kaz minn naha tal-Pulizija, però, x-xhieda li nstemghet minn dan il-Bord ma gietx esebita, u lanqas ma jirrizulta kif ittiehdet dik ix-xhieda. L-opinjoni ta' dak il-Bord ma torbotx lil din il-Qorti, u difficli li tigi anke kkunsidrata meta l-Qorti ma ghandhiex ix-xhieda li fuqha l-Bord ibbaza l-opinjoni tieghu u lanqas il-files tal-pulizija li kellu f'idejh il-Bord meta wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti trid ikollha l-fatti quddiemha qabel ma tghid taqbilx jew le mal-opinjoni espressa tal-Bord, però, hadd ma gab quddiem din il-Qorti, x'ghamel jew m'ghamilx l-Ispettur Taliana. Dan l-Ispettur kellu jittella' jixhed quddiem din il-Qorti u kontro-ezaminat dwar l-involviment tieghu fil-kaz; din il-Qorti, li l-proceduri quddiema isiru b'"adversarial process" u m'ghandhiex rwol investigattiv, ma tistax tmexxi l-kawza hi u trid toqghod fuq il-provi li jressqulha l-partijiet, u dejjem konformanti mal-ligi. Kif inghad fil-ktieb "Evidence and the Adversial Process" ta' <u>Jenny McEwan</u> (pagna 6):

*"The essence of inquisitorial is that the state is interested in the outcome and wishes an investigator to discover as many relevant facts as possible. Rather than a dispute, as such, there is an official inquiry triggered by the belief that a crime has been committed. <u>Society has much less interest in the outcome of a civil dispute and therefore these proceedings remain inevitably party-dependent in terms of the gathering of evidence</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Bord tal-Pulizija jidher (u dan qed jinghad ghax lanqas il-kopja tar-rapport ma hi awtentikata) li sab "breakdown" ta' komunikazzjoni bejn diversi sezzjonijiet tal-pulizija u ghalhekk gara li effettivament gew arrestati zewg persuni relatati mal-

istess kaz. Li din il-Qorti jirrizultala mill-provi, però, hu li hekk kif l-Ispettur li ressaq lir-rikorrent bhala arrestat, sar jaf bil-kaz tal-persuna l-ohra, talab direzzjoni mill-Avukat Generali u b'urgenza talab il-helsien mill-arrest tar-rikorrent. X'ghamel u m'ghamilx l-Ispettur Taliana waqt l-investigazzjoni tieghu ma jirrizultax lil din il-Qorti.

Li tista' tghid din il-Qorti, u hawn fejn sar hazin mill-Pulizija, hu li meta tressqet it-terza persuna akkuzata b'dan ir-reat fid-9 ta' Awwissu, 2013, il-pulizija kienet taf li fis-7 ta' Awwissu kienet ressqet lir-rikorrent akkuzat bl-istess reat. Dan, però, jaffettwa se mai lit-terza persuna u mhux lir-rikorrent. Kif inghad, din il-Qorti ma taf xejn dwar l-investigazzjoni tal-Ispettur Taliana, specjalment dwar kif u meta wasal ghat-terza persuna. Li jirrizultala hu li din it-terza persuna tressqet taht arrest fid-9 ta' Awwissu filghodu, u f'xi hin wara nofsinhar dakinhar stess, tressqu rikorsi ghall-helsien mill-arrest ta' rikorrent, u dan inheles dakinhar stess.

Din il-Qorti xtaqet tkun taf meta u l-hin li giet interrogata t-terza persuna mill-pulizija, u x'ghamlet il-pulizija meta kellha informazzjoni relatata ma' din it-terza persuna. Din il-prova kellha ssir billi jingiebu jixhdu quddiem din il-Qorti l-persuni involuti, u mhux b'riferenza ghal dak li kkonkluda l-Bord tal-Pulizija a bazi ta' xhieda li hu sema', u meta lanqas jirrizulta jekk ix-xhieda mill-Bord ittiehditx bil-gurament jew le. Kien hemm bzonn li l-Qorti tisma' x-xhieda hi anke biex issir konfront bejn il-provi rakkolti fi-zewg seduti ghall-fini tal-attendibilità taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Din il-Qorti ma tistax tqies bhala prova r-rapport tal-Bord tal-Pulizija, meta ma ghandhiex access ghall-files investigattivi li kellu hu u ghax-xhieda li nstema' mill-Bord. Ma

tistax tghid li gara xi haga jew ma garax xi haga, sempliciment ghax hekk qal il-Bord!

Sa fejn gie muri lil din il-Qorti, l-ewwel darba li dahlet in xena t-terza persuna kien fid-9 ta’ Awwissu, meta din tressqet arrestata quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u dakinhar stess inheles mill-arrest ir-rikorrent, u ma tarax li, allura, kien hemm xi nuqqas da parti tal-pulizija.

Ir-rikorrent qed jilmenta wkoll li, fil-fatt, l-akkuzi gew irtirati l-gurnata tat-Tnejn, 12 ta’ Awwissu, 2013, izda dan certament li ma jqajjem l-ebda kwistjoni taht l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jew taht l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, invokati mir-rikorrenti peress li dawn l-artikoli jittrattaw fuq protezzjoni mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja. F’dan il-kaz, ir-rikorrent, kif inghad, gie arrestat fuq suspett meqjus ragonevoli, u nheles mill-arrest fid-9 ta’ Awwissu, u allura ma kienx kaz la ta’ arrest illegali u lanqas ta’ detenzjoni arbitrarja.

Fil-kuntest tal-eccezzjonijiet preliminari solevati, taqbel li, fil-fatt l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn jigi mharrek peress li fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili, ma hux il-legittimu kontradditur. Hija bizzejjed il-presenza fil-kawza tal-Kummissarju tal-Pulizija li jwiegeb ghall-ghemil tas-subalterni tieghu. Dwar il-presenza fil-kawza tad-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, din il-Qorti tara li din kienet necessarja peress li r-rikorrenti ressaq ilment dirett lejn l-operat tal-Qorti li ghaliha huwa jwiegeb.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra fil-meritu tal-intimati, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------